MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2012

Numru. 1142/2011

Il-Pulizija
(Sp Bernard Spiteri)
vs
Emanuel Grech, iben Giuseppi, imwieled Floriana fl-20 ta' Ġunju, 1938, karta ta' l-identita numru 449938(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-16 ta' Marzu, 2011 għal ħabta tad-9.40 a.m., ġewwa Triq il-Mitħna, Birkirkara u/jew fil-viċinanzi:
1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christian Axisa;
2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Solveig Ann Fagerbakke, skont kif iċċertifika Dr. Joseph Saliba M.D. miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta.

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-liġi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta ta' Christian Axisa u Solveig Ann Fagerbakke sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus li tiħi ffissata minn din il-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru, 2012 fejn ill-partijiet qablu li l-feriti li ġarrab Christian Axisa huma ta' natura ħafifa.

Rat li l-partijiet midruba rrunzjaw għall-azzjoni Kriminali u qed jaħfru lill-imputat.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, wara li rat ir-rinunzja tal-partijiet tiddikjara l-proċediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------